

Brussell, 3 ta' Diċembru 2015
(OR. en)

12396/15

POLGEN 142

NOTA

minn:	Il-Presidenzi futuri tan-Netherlands, is-Slovakkja u Malta
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Avvanz fl-Aġenda Strateġika - Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Jannar 2016 - 30 ta' Ġunju 2017)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill, imħejji mill-Presidenzi futuri tan-Netherlands, l-Islovakkja u Malta u r-Rappreżentant Għoli, President tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

INTRODUZZJONI

Dan id-dokument jippreżenta l-programm ta' ħidma tal-Kunsill kif stabbilit mill-Presidenzi futuri tan-Netherlands, l-Islovakkja u Malta, li jkopri l-perijodu minn Jannar 2016 sa Ġunju 2017.

Issa li l-ekonomija qed turi sinjali ta' rkupru, l-Unjoni għandha tiffoka fuq il-kisba ta' tkabbir ekonomiku b'saħħtu. Fl-istess ħin qiegħda tiffaċċa sfidi mingħajr preċedent b'mod partikolari għas-sigurtà tagħha u bħala riżultat tal-migrazzjoni. It-tweġiba għal dawn l-isfidi teħtieġ kunsiderazzjonijiet fundamentali ġodda f'diversi oqsma ta' politika. Iżda, it-tliet Presidenzi għandhom ukoll l-opportunità li jiżviluppaw linji ta' politika ġodda f'oqsma fejn l-azzjoni fuq il-livell Ewropew jista' jkollha valur miżjud reali.

Biex jistabbilixxu l-programm ta' ħidma tal-Kunsill, it-tliet Presidenzi ġew iggwidati mill-prijoritajiet tal-Aġenda Strateġika u l-konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew. Huma għamlu enfasi partikolari fuq l-ewwel pilastru tal-aġenda strateġika, peress li t-tkabbir inklużiv, intelliġenti u sostenibbli, l-impjiegi u l-kompetittività jibqgħu l-ogħla prijorità matul it-tmintax-il xahar li ġejjin.

Fl-implimentazzjoni ta' dan il-programm, it-tliet Presidenzi ser jikkunsidraw l-importanza tal-prinċipji li fuqhom tissejjes ir-regolamentazzjoni aħjar. Il-Kunsill bħala koleġislatur għandu responsabbiltà partikolari li jiżgura li r-regolamentazzjoni tal-UE tkun tal-ogħla kwalità u tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità, is-sempliċità, it-trasparenza, il-koerenza u d-drittijiet fundamentali. Ir-regolamentazzjoni aħjar ser tgħin biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Aġenda Strateġika. U tnaqqis fil-piżijiet regolatorji ser ikun mutur importanti għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. It-tliet Presidenzi jinnotaw ukoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi riflessjoni dwar rwol akbar għall-Parlamenti nazzjonali fit-tħejjija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

Dan il-programm huwa ppreżentat f'format ġdid. Huwa operattiv, u jfittex li jipprovdi qafas għall-organizzazzjoni u l-ipprogrammar tal-ħidma tal-Kunsill matul it-tmintax-il xahar li ġejjin. L-istruttura tiegħu - f'ħames pilastri - issegwi dik tal-Aġenda Strateġika. Għal kull pilastru huwa jenfasizza dawk il-fajls u l-kwistjonijiet prinċipali li l-Kunsill ser ikun meħtieġ jindirizza matul il-perijodu. Bl-istess mod, ma għandux l-għan li jkun eżawrjenti; it-tliet Presidenzi ser jiżguraw li l-Kunsill jibqa' flessibbli u li jista' jwieġeb għal żviluppi ġodda, u li jindirizza malajr l-isfidi li jistgħu jinqalgħu.

Il-Presidenzi jirrikonoxxu li ħafna mill-kwistjonijiet stabbiliti f'dan il-programm għandhom impatt fuq xulxin. Għalhekk huma ser jiżguraw li l-kwistjonijiet kollha jiġu ttrattati b'mod li jieħu kont sħiħ tal-kuntest usa' u tal-impatt potenzjali f'setturi oħra. Kull taqsima tal-programm tista' tinvolvi l-ħidma ta' diversi konfigurazzjonijiet tal-Kunsill. Il-Presidenzi ser jużaw kull opportunità biex itejbu l-metodi ta' ħidma tal-Kunsill sabiex jippermettu diskussjonijiet aħjar kif ukoll riżultati aħjar. Huma ser jaħdmu wkoll mill-qrib mal-Parlament Ewropew minħabba r-rwol ċentrali tiegħu bħala koleġislatur flimkien mal-Kunsill.

Il-konsistenza tal-prijoritajiet fil-linji ta' politika u l-istituzzjonijiet kollha hija kruċjali. Għaldaqstant, il-Presidenzi kellhom konsultazzjonijiet mal-President tal-Kunsill Ewropew u żguraw li dan il-programm ta' ħidma jirrifletti l-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni għall-2016. Il-Programm tat-Triju ser iservi wkoll bħala gwida għat-tliet Presidenzi fil-kooperazzjoni tagħhom ma' istituzzjonijiet oħrajn dwar il-programmazzjoni annwali u pluriennali.

1. UNJONI TA' IMPJIEGI, TKABBIR U KOMPETITTIVITÀ

Wara li indirizzat l-effetti immedjati tal-kriżi, jeħtieġ li l-Ewropa tiżgura li l-futur tagħha jkun fuq bażi aktar soda. Riċentement l-Unjoni ffokat fuq il-kisba ta' tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi, u dan ser ikompli jkun l-enfasi prinċipali tal-ħidma fl-oqsma kollha ta' politika, sakemm ma jibda jkollha effett fuq l-ekonomija reali u fis-soċjetajiet tagħna, bi rkupru robust u sostenibbli, li jista' fl-istess ħin jipprovdi livelli għoljin ta' protezzjoni soċjali, tas-saħħa u ambjentali. L-istituzzjonijiet kollha jqisu dan bħala l-oġġla prijorità tagħhom. Il-ħames oqsma identifikati fl-Aġenda Strateġika ta' Ġunju 2014 ser jiġu riflessi fil-ħidma tal-Kunsill matul it-tliet Presidenzi. Dawn ikopru l-użu sħiħ tal-potenzjal tas-suq uniku, inkluż fl-isfera diġitali; l-inkoraġġiment ta' klima ta' intraprenditorija u ħolqien ta' impjiegi; l-investiment fil-futur; it-tisħiħ tal-attrattività globali tal-Unjoni; u l-approfondiment tal-unjoni ekonomika u monetarja.

It-tliet Presidenzi ser jiffokaw ukoll fuq kwistjonijiet ambjentali bħalma huma l-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari permezz ta' sejħiet għal ġestjoni mtejjba tar-riżorsi fl-oqsma tal-iskart, l-ilma, l-ajru u l-bijodiversità, filwaqt li jinħolqu impjiegi ekoloġiċi ġodda, u tiġi żviluppata ekonomija kompetittiva aktar effiċjenti fir-riżorsi.

Is-suq uniku huwa l-kisba ewlenija tal-Unjoni u l-aktar strument effikaċi biex jinħolqu l-impjiegi. L-approfondiment tas-suq uniku, speċjalment fl-oqsma diġitali u tas-servizzi, għandu jkun prijorità. L-infurzar, l-implimentazzjoni, is-simplifikazzjoni u l-konsistenza tal-istrumenti eżistenti huma wkoll ta' prijorità fl-aġenda. Wara l-pubblikazzjoni tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, il-ħidma fuq l-elementi ewlenin tagħha ser titmexxa 'l quddiem, b'enfasi partikolari fuq ir-riforma tal-qafas tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, ir-rieżami tal-liġi dwar il-mezzi tal-informazzjoni awdjoviżiva u d-drittijiet tal-awtur, ir-regoli għall-kummerċ elettroniku transkonfinali, il-gvern elettroniku kif ukoll l-ekonomija diġitali, in-negozji ġodda u l-SMEs.

Dan il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Segwitu għall-Istrateġija l-ġdida għas-Suq Intern għal oġġetti u servizzi, inklużi inizjattivi leġiżlattivi biex jiġi ffaċilitat il-forniment transkonfinali ta' servizzi u tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità, titjib tar-rikonossiment reċiproku, inizjattivi settorjali mmirati lejn servizzi tan-negozju u l-konstruzzjoni, miżuri ta' armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, inizjattiva dwar il-liġi tal-insolvenza ta' negozji u infurzar imtejjeb
- Segwitu aħjar dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż skont is-Semestru Ewropew, b'fokus fuq ir-riformi strutturali dwar is-Suq Uniku
- Inizjattivi li joħorġu mill-pakkett tas-Suq Uniku Diġitali, inklużi daww fl-oqsma tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, id-drittijiet tal-awtur u l-portabbiltà, imblukkar ġeografiku, kuntratti diġitali, il-mezzi tal-informazzjoni awdjoviżivi u l-kummerċ elettroniku, Direttiva dwar il-kejbil u s-satelliti, u l-kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur
- Inizjattivi dwar cloud tar-riċerka Ewropea, is-sjeda tad-data, il-fluss liberu tad-data u pjan ta' azzjoni dwar il-gvern elettroniku
- It-tlestija tar-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa
- Proposti pendenti dwar il-protezzjoni tad-data, l-aċċessibbiltà tal-web u s-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni¹

¹ Soġġett għall-ħidma li għaddejja bħalissa.

- Direttiva dwar kumpannija b'responsabbiltà limitata b'membru uniku
- Direttiva futura li tipprevedi qafas għal diviżjonijiet transkonfinali ta' kumpaniji
- Inizjattiva taċ-Ċintorin Blu
- Simplifikazzjoni tal-qafas ta' implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni
- Tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista
- Pakkett dwar l-ekonomija ċirkolari, inkluża proposta leġiżlattiva dwar l-iskart
- Direttiva dwar it-tisħiħ tal-involviment tal-azzjonisti

INTRAPRENDITORIJA U ĦOLQIEN TA' IMPJIEGI

Il-promozzjoni ta' ambjent li fih l-SMEs jirnexxu ser tgħin tiftaħ il-potenzjal għall-Unjoni biex tiġġenera aktar tkabbir u toħloq l-impjiegi. Il-ħolqien tal-kondizzjonijiet qafas meħtieġa huwa ta' prijorità. Dan għandu jinkludi ħidma ulterjuri fuq l-idoneità regolatorja, inkluż it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji u amministrattivi, u li t-tassazzjoni titressaq 'il bogħod mix-xogħol (ara wkoll il-kapitolu III hawn taħt).

Il-qgħad huwa ta' tħassib kbir f'bosta mill-Istati Membri. Proposti li jgħinu biex jiġi indirizzat il-qgħad u li jifih opportunitajiet għal ċittadini Ewropej ser ikunu ta' prijorità ewlenija. Ser tingħata attenzjoni partikolari lil inizjattivi fil-qasam taż-żgħażaġh, il-qgħad fit-tul u dak strutturali, kif ukoll l-aċċess sħiħ għas-suq tax-xogħol. Il-valutazzjoni annwali fil-qafas tas-Semestru Ewropew ser tippovdi opportunità għal diskussjonijiet politiċi dwar il-kwistjonijiet ewlenin.

It-tliet Presidenzi huma determinati li jaħdmu flimkien fuq Pakkett dwar il-Mobbiltà tax-Xogħol li jmiss billi jneħħu l-ostakli li fadal għall-mobbiltà tal-UE bil-għan li jwittu l-effett ta' skossi ekonomiċi futuri, jappoġġaw il-kompetizzjoni ġusta u l-istandards tax-xogħol xierqa u b'hekk jikkontribwixxu għall-oġettiv kondiviż ta' xogħol deċenti. Il-ħidma tat-tliet Presidenzi ser tiffavorixxi swieq tax-xogħol inklużivi bbażati fuq il-prinċipju ta' 'making-work-pay'.

Dan il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Implimentazzjoni tal-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, inkluż is-segwitu għall-programm REFIT u t-tisħiħ ulterjuri tiegħu, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-SMEs
- Segwitu għat-tielet parti tal-Pjan ta' Investiment biex jiġu żgurati sforzi koordinati lejn qafas regolatorju ċar, prevedibbli u stabbli għal investiment f'livell Ewropew u nazzjonali, b'mod partikolari għal proġetti ta' investiment ta' terminu twil kif ukoll spejjeż imnaqqsa relatati mat-twaqqif u l-ġestjoni ta' negozju, speċjalment għall-SMEs
- Integrazzjoni tal-kompetittività industrijali, inklużi Rapporti annwali dwar il-kompetittività
- Pjan ta' Azzjoni dwar l-industrija tad-difiża Ewropea
- Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm COSME
- Strateġija ġdida għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva
- Pakkett dwar il-mobbiltà tal-ħaddiema, inkluża r-reviżjoni tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (ir-Regolamenti 883/2004 u 987/2009), b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċċji għall-qgħad u l-kura fuq terminu twil u r-rieżami mmirat tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-Impjieg ta' Ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi
- Regolament dwar Network Ewropew tas-Servizzi tax-Xogħol (EURES)
- Deċiżjoni dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea dwar Xogħol Mhux Iddikjarat
- Simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema
- Linji gwida dwar l-impjiegi
- Impjieg taż-żgħażaġh, inkluż ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ/Inizjattivi favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ
- Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol.

NINVESTU FIL-ĠEJJANI

Wara tnaqqis fl-investiment f'dawn l-aħħar snin huwa kruċjali li l-livelli ta' investiment jergħu lura għal li kienu sabiex l-ekonomija tikber. Huwa importanti li l-klima tal-investimenti tiġi mtejjba u li l-konġestjonijiet jitneħħew. Għaldaqstant, it-tliet Presidenzi ser iħeġġu l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa. Ser tingħata attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni sħiħa, l-operat u t-twassil tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi.

Il-baġit tal-Unjoni, inklużi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, huwa l-għodda prinċipali tagħha għall-investiment. Programmi settorjali taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali ser jiġu implimentati. Dawn jinkludu għodod għal investiment fl-infrastruttura, it-teknoloġija u r-riċerka, bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, in-networks Trans-Ewropej tat-trasport (TEN-T) u l-programm Orizzont 2020. Fl-istess ħin, il-qafas regolatorju għal dawn is-setturi ser jiġi vvalutat u mtejjeb aktar. It-trasport, il-loġistika u l-mobbilità huma kruċjali għal ekonomija Ewropea b'saħħitha u soċjetà dinamika. Is-sħab fit-Triju ser jiffokaw fuq sforzi biex tinżamm u tittejjeb il-kompetittività tas-settur tagħna tat-trasport sabiex tittejjeb il-konnettività reġjonali u globali, jinħolqu l-impjiegi u jiġi mħeġġeġ it-tkabbir. Il-Kunsill ser jaħdem lejn il-massimizzazzjoni tal-kontribut tal-politika ta' koeżjoni lejn it-tkabbir u l-impjiegi. L-investiment fil-kapital uman, l-educazzjoni u l-ħiliet, il-prestazzjoni u l-innovazzjoni, li huma essenzjali għal ekonomija kompetittiva tal-għarfien, ser ikun ta' prijarità wkoll.

It-tliet Presidenzi ser jaħdmu mill-qrib mal-istituzzjonijiet kollha u partijiet ikkonċernati oħra biex itejbu aktar il-proċess baġitarju tal-UE u jmexxu 'l quddiem ir-rieżami tal-QFP bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim f'waqtu. Il-Kunsill ser isegwi l-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji, inkluż b'parteċipazzjoni f'konferenza interistituzzjonali mal-Parlamenti nazzjonali.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Kwistjonijiet baġitarji inkluż:
 - * Proċedura annwali ta' kwittanza għall-2014 u l-2015
 - * Il-baġit tal-UE għall-2017 u l-monitoraġġ li hu għaddej ta' pagamenti u l-adozzjoni tal-baġits emendatorji 2016 u 2017 u t-trasferimenti
 - * Rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali
- Implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi
- Implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-programm TEN-T
- Rieżamijiet tar-rati ta' kofinanzjament tal-politika ta' koeżjoni għal Ċipru, tal-applikazzjoni tal-kofinanzjament supplimentari tal-politika ta' koeżjoni għall-pajjiżi tal-programm u tad-dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità makroekonomika marbuta mal-politika ta' koeżjoni
- Segwitu għar-Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-eżitu tan-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali 2014-2020, l-istrumenti finanzjarji, u l-programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-kontribut tagħhom għall-oġettivi tal-Ewropa 2020
- Segwitu għall-isfidi ta' implimentazzjoni relatati mal-kundizzjonalitajiet ex ante
- Aġenda Urbana
- Implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) riformata permezz ta' pjanijiet għal ġestjoni pluriennali tas-sajd u r-reviżjoni tal-leġislazzjoni ta' appoġġ kif ukoll permezz tad-dimensjoni esterna tal-PKS
- Biedja organika²
- Regolament dwar il-Kontrolli uffiċjali³
- Regolament dwar is-servizzi portwarji
- Segwitu għall-verifika tal-idoneità tal-qafas regolatorju għas-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri tal-UE

² Soġġett għall-ħidma li għaddejja bħalissa.

³ Soġġett għall-ħidma li għaddejja bħalissa.

- Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet
- Il-pakkett tal-Ajru Uniku Ewropew (SES II +), ir-Regolament tas-Slots, ir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru, l-Istrateġija ġdida dwar l-Avjazzjoni, inkluża r-reviżjoni tar-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u qafas għal Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod u mandati ta' negozjar għal ftehimiet dwar l-avjazzjoni
- Adozzjoni f'waqtha tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju⁴
- Rieżami tal-istrutturi konsultattivi għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka
- Evalwazzjoni ex-post tas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka
- Rieżami ta' nofs it-term tal-programm Orizzont 2020
- It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020
- Miżuri għall-appoġġ ta' riċerkaturi żgħażaġh, l-attrattività ta' karriera xjentifika, l-appoġġ għall-mobbiltà
- Integrazzjoni tal-panoramika tal-monitoraġġ u r-rappurtar tar-Riċerka u l-Innovazzjoni
- Pjan direzzjonali 2016 tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI)
- Aġenda Ewropea għax-Xjenza Miftuħa
- Kondizzjonijiet qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni
- Inizjattivi skont l-Artikolu 185 dwar Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) u dwar il-Programm ta' Riċerka Konġunta dwar il-Baħar Baltiku (BONUS 2)
- Kontinwazzjoni, konklużjoni u implimentazzjoni, kif adatt, ta' ftehimiet internazzjonali dwar ix-xjenza u t-teknoloġija kif ukoll appoġġ għal inizjattivi rilevanti fid-diplomazija tax-xjenza.

⁴ Soġġett għall-ħidma li għaddejja bħalissa.

- Segwitu għall-Istrateġija dwar l-Ispazju għall-Ewropa li jmiss u żvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Aġenzija Spazjali Ewropea
- Rieżami ta' nofs it-term tal-Programm Ewropa Kreattiva.

ATTRATTIVITÀ GLOBALI

Iż-żieda fil-kompetittività tal-industrija Ewropea għandha tippermetti lill-Unjoni tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-kummerċ bħala ingranaġġ għat-tkabbir. It-tliet Presidenzi jintrabtu li jagħmlu progress rapidu fil-passi kollha fi ħdan il-kompetenza tal-Kunsill għall-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali, reġjonali u multilaterali, inkluża s-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). It-tliet Presidenzi ser jippromwovu wkoll ftehimiet ta' kummerċ ħieles u jinkoraġġixxu relazzjonijiet iktar mill-qrib mal-pajjiżi fil-viċinat tal-Ewropa. Huma ser jimmiraw għal integrazzjoni aħjar tal-iżvilupp sostenibbli fl-istrumenti ta' politika esterna eżistenti tal-UE u f'opportunitajiet ġodda ta' politika kummerċjali.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Segwitu u implimentazzjoni ta' ftehimiet milħuqa fil-kuntest tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (WTO)
- Kontinwazzjoni u konklużjoni ta' negozjati għal ftehimiet multilaterali u plurilaterali tad-WTO fl-oqsma tat-teknoloġija tal-informazzjoni, is-servizzi, u l-prodotti ekoloġiċi, u l-implimentazzjoni tagħhom, kif adatt
- Konsiderazzjoni tal-ġhoti tal-"Istatus ta' Ekonomija tas-Suq" liċ-Ċina fid-WTO
- Ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Kanada u Singapore: finalizzazzjoni tal-ħidma tal-Kunsill għall-iffirmar wara l-opinjoni mistennija tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja
- Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment: kontinwazzjoni u konklużjoni tan-negozjati, inkluż dwar il-protezzjoni tal-investimenti
- Kontinwazzjoni u konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Ġappun
- Konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Vietnam

- Kontinwazzjoni u konklużjoni, kif adatt, ta' negozjati oħrajn għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles bilaterali u/jew reġjonali bħal mal-pajjiżi tal-ASEAN, l-Indja, il-MERCOSUR u l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar. Tħejjijiet għal negozjati dwar il-modernizzazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Messiku u ċ-Ċili u dwar ftehimiet ġodda ta' kummerċ ħieles mal-Awstralja u New Zealand
- Konklużjoni tan-negozjati bejn l-UE u ċ-Ċina għal ftehim ta' investiment
- Ħidma lejn l-iżvilupp ta' dimensjoni kummerċjali ta' suċċess tal-ġirien tal-Lvant u ta' Nofsinhar tal-UE u diskussjoni dwar possibiltajiet għal aktar kooperazzjoni
- Konsiderazzjoni tal-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali mat-Turkija
- Sforzi tal-UE biex il-pajjiżi BRIC jiġu inklużi fid-dixxiplini ta' kreditu għall-esportazzjoni

UEM

B'segwitu għar-"Rapport tal-Ħames Presidenti" ppreżentat fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015, it-tliet Presidenzi ser imexxu 'l quddiem id-diskussjonijiet dwar it-tlestija tal-arkitettura tal-UEM. It-tliet Presidenzi ser isegwu sforzi favur ċiklu ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika msaħħa b'kont meħud tal-proposti ppreżentati fil-21 ta' Ottubru 2015 dwar id-dimensjoni soċjali msaħħa, kif ukoll biex isir aktar progress dwar it-tlestija tal-Unjoni Bankarja. Il-Kunsill ser jimmira wkoll li jagħmel progress fl-istabbiliment ta' unjoni tas-swieq kapitali, li, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità, ser tiżgura aċċess aħjar għall-kapital għall-kumpanniji. Il-Presidenzi tal-Kunsill ser jimpenjaw ruħhom attivament fil-proċess ta' konsultazzjoni bi tħejjija għall-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-proposti tat-Tieni Stadju għat-tlestija tal-UEM, inkluż il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli previst.

Il-qasam ta' prijarità jinkludi dan li ġej:

- Segwitu għar-Rapport tal-Ħames Presidenti
- It-tisħiħ tad-dimensjoni Soċjali tal-UEM
- Approċċ ġdid għat-tkabbir u s-sostenibbiltà tal-Ewropa b'kont meħud tar-Rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti
- Semestru Ewropew immodernizzat

- It-tħejjija għal-laqgħat tal-G20
- Id-direttiva dwar l-Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali
- Ir-Regolament dwar il-Fondi tas-Suq Monetarju
- Ir-Regolament dwar ir-Riforma Strutturali Bankarja
- L-implimentazzjoni ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni
- Proposta futura dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali ("riżoluzzjoni mhux bankarja")
- Ir-rieżami tal-finanzjament u l-governanza ta' strutturi tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej
- Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti
- Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, inkluż tnaqqis fl-allokazzjonijiet tal-kapital għal investimenti infrastrutturali
- Il-proposta dwar it-titolizzazzjoni
- Ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Prospett

2. **UNJONI LI TAGĦTI S-SETGħA U TIPPROTEĠI LIĊ-ĊITTADINI KOLLHA TAGħHA**

Is-soċjetajiet tagħna għadhom qed jgħixu bil-konsegwenzi tal-kriżi u dan wassal għal sfidi sinifikanti għan-nisġa soċjali tal-Unjoni. It-tliet Presidenzi ser jaħdmu biex iżommu l-mudell soċjali tal-Ewropa fid-diversi espressjonijiet tiegħu, jinvestu fil-kapital uman biex jattrezzaw lis-soċjetajiet tagħna għall-futur, jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali u jipproteġu liċ-ċittadini kollha tal-Ewropa, b'rispett sħiħ lejn il-kompetenzi nazzjonali u s-sussidjarjetà.

It-tliet Presidenzi ser ikomplu jħaddnu trattament ugwali inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi, u indipendenza ekonomika. Ser jittieħdu miżuri malajr sabiex jiġu modernizzati s-sistemi edukattivi u b'hekk jiffaċilitaw it-taħriġ u x-xogħol għaż-żgħażaġħ kif ukoll biex jiżviluppaw it-tagħlim tul il-ħajja. Il-Presidenzi ser jiffokaw ukoll fuq is-sehem ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja għal kulħadd fil-promozzjoni tal-ekwità soċjali, l-inklużjoni soċjali, iċ-ċittadinanza u l-valuri Ewropej komuni.

Sistemi ta' ħarsien soċjali li jipprovdu livelli xierqa ta' protezzjoni, waqt li jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol, ser ikunu ta' prijorità. It-tendenzi demografiċi attwali jeħtieġu reazzjoni koordinata sabiex is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u s-swieq tax-xogħol tagħna jkunu attrezzati aħjar biex jilqgħu għal bidliet soċjali kbar.

Il-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini tal-UE jibqa' għan ewlieni. It-tliet Presidenzi ser imexxu diskussjonijiet dwar kif jista' jitjieb l-istatus tas-saħħa tal-popolazzjoni tal-UE, permezz tal-ġlieda kontra mard li ma jitteħidx, id-disponibbiltà u l-aċċess għal mediċini innovattivi u bi prezz raġonevoli għall-pazjenti kif ukoll b'kooperazzjoni bejn is-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri. Ser tingħata attenzjoni xierqa lis-sigurtà tas-saħħa u lill-istat ta' tħejjija tal-UE fil-każ ta' theddid transkonfinali għas-saħħa kif ukoll għar-reżistenza għall-antimikrobiċi. Ser titmexxa 'l quddiem il-ħidma dwar proposti li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u sikurezza okkupazzjonali u l-kwalità ambjentali.

L-għan usa' li tkun żgurata ġustizzja soċjali japplika wkoll fil-qasam tat-tassazzjoni, fejn ser tissokta l-ħidma. F'dan il-kuntest, ser isir kull sforz kif meħtieġ biex jiġu indirizzati l-evazzjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, biex ikun hemm ħarsien mill-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt, u biex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni.

Dan il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Id-Direttiva dwar it-titjib tal-Bilanċ bejn is-Sessi fil-bordijiet tal-kumpanniji
- Id-direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament Ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
- Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020 u emendi għal-leġislazzjoni relatata, inklużi il-karċinoġeni
- Inizjattivi futuri biex jindirizzaw l-isfidi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-familji b'ġenituri li jaħdmu u appoġġ għall-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol
- Aċċess imtejjeb għall-oġġetti u s-servizzi minn persuni b'diżabbiltà
- Aġenda għall-Ħiliet Ġodda għall-Ewropa, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, u inizjattivi oħra possibbli dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja

- Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Programm Erasmus+
- L-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh biex iż-żgħażaġh kollha jkunu jistgħu jimpenjaw ruħhom f'Ewropa varjata, kollegata u inklussiva
- It-teħid ta' vantaġġ mill-governanza tajba, l-inklużjoni soċjali u l-edukazzjoni fl-isport u permezz tiegħu b'attenzjoni partikolari għall-avvenimenti sportivi kbar internazzjonali, id-diplomazija dwar l-isport u attivitajiet volontarji
- Il-pakkett ta' apparat mediku u apparat mediku *in vitro*
- Ir-Regolament dwar ikel ġdid
- It-tħejjija tal-pożizzjonijiet tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tad-WTO COP 7 u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk
- Proposta riveduta għal Direttiva tal-Kunsill għal Bażi Komuni Konsolidata Tat-Taxxa Korporattiva
- Segwitu għal Pakkett tat-taxxa korporattiva inkluża l-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tal-ħidma tal-OECD dwar l-erożjoni tal-bażi u trasferiment tal-profitt (BEPS)
- Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Imġax u r-Royalties
- Ir-rapportar lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa
- Il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-intrapriżi) - ir-rapportar lill-Kunsill ECOFIN
- Pjan ta' Azzjoni għal reġim definittiv tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jkun effiċjenti u reżistenti għall-frodi

3. LEJN UNJONI TAL-ENERĠIJA B'POLITIKA DWAR IL-KLIMA LI TĦARES 'IL QUDDIEM

It-twettiq tal-ħidma lejn Unjoni tal-Enerġija b'politika dwar il-klima li tħares 'il quddiem, kif stipulat fl-Aġenda Strateġika, ser ikun wieħed mill-prijoritajiet tat-tliet Presidenzi. Il-ħidma ser titmexxa f'konformità mal-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija u l-Istrateġija Ewropa 2020, li tirrikonoxxi li l-bidla għal ekonomija ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, permezz tal-ħolqien ta' impjiegi ġodda "ekoloġiċi" u l-aqwa għarfien teknoloġiku fid-dinja, hija essenzjali biex jintlaħaq tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

Suq intern tal-enerġija li huwa komplut u jiffunzjona bis-sħiħ jibqa' għan ewlieni għall-Unjoni fiż-żmien li ġej. Il-Prezidenzi ser jieħdu fidejhom il-ħidma fuq l-interkonnnessjoni tal-infrastrutturi tal-enerġija, skont il-miri stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, inkluż bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali fil-qasam tal-enerġija. Iż-żieda fis-sigurtà tal-enerġija permezz tad-diversifikazzjoni tal-fornituri, sorsi u rotot tibqa' għan ewlieni. Ser tkompli l-ħidma fuq id-disinn tas-sistema ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija. L-effiċjenza tal-enerġija, il-prezzijiet tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli ser ikunu indirizzati wkoll bħala kwistjonijiet importanti fir-rigward tal-kompetittività.

Dwar il-klima, it-tliet Presidenzi ser jiżguraw segwitu xieraq għall-eżitu tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima COP-21 f'Diċembru 2015 f'Pariġi. L-implimentazzjoni tal-pakkett tal-enerġija u l-klima għall-2030, inkluż il-proposta dwar l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) u l-proposta mistennija dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet f'setturi oħra ("mhux ETS"), ser jingħataw attenzjoni xierqa. It-tliet Presidenzi qed jimmiraw lejn progress sinifikanti fin-negojzati waqt it-terminu tagħhom.

It-tliet Presidenzi ser jesploraw metodi ta' ħidma innovattivi u aktar skambju ta' għarfien u tal-aħjar Prattiki. Ser ikomplu jaħdmu għal regolazzjoni aħjar sabiex jiżguraw konsistenza akbar bejn id-Direttivi tal-UE, integrazzjoni, infurzar aħjar u mmodernizzar tal-politika tal-UE. It-tliet Presidenzi ser jaħdmu wkoll fuq sistema ta' Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija li tħaddan fiha l-isforzi kollha msemija hawn fuq fil-qasam tal-politika tal-enerġija u l-klima. Sabiex tittejjeb l-effiċjenza tat-tnejjiet għal-laqgħat internazzjonali, il-Prezidenzi ser jistabbilixxu timijiet konġunti għall-perijodu kollu tat-tliet Presidenzi, fejn dan ikun meqjus Prattiku.

Dan il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Ir-rieżami tal-qafas tal-effiċjenza fl-enerġija għal prodotti (id-Direttiva dwar l-Ittikkettar tal-Enerġija)
- Ir-reviżjoni tar-Regolamenti dwar is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku u s-sigurtà tal-provvista tal-gass
- Ir-rieżami tad-Deċiżjoni 994/2012 dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija
- Il-pakkett dwar l-enerġija rinnovabbli, inklużi kriterji sostenibbli għall-bijomassa
- Il-pakkett dwar l-Effiċjenza Enerġetika, inkluża r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-bini
- Il-pakkett tad-disinn tas-suq tal-elettriku, inklużi l-proposti għat-tfassil mill-ġdid tas-suq tal-elettriku, ir-reviżjoni tal-ACER u l-kooperazzjoni reġjonali
- L-ġhoti tas-setgħa lill-konsumaturi speċjalment permezz tar-rispons għad-domanda u l-użu ta' teknoloġija intelliġenti
- Id-dimensjoni esterna (il-Komunità tal-Enerġija, il-Kooperazzjoni Ewro-Mediterranja fl-enerġija, il-Karta tal-Enerġija, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diplomazija tal-Enerġija, ...)
- L-Istrateġija dwar il-Gass Naturali Likwidu u l-Ħażna Tiegħu
- It-tlestija tal-infrastrutturi tal-enerġija u tal-miżuri biex tintlaħaq il-mira ta' interkonnessjoni ta' 15% għall-2030, fosthom permezz tal-implimentazzjoni tal-programm TEN-E
- Il-prezzijiet u l-ispejjeż tal-enerġija
- Strateġija integrata għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kompetittività tal-Unjoni tal-Enerġija
- It-tieni Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija
- Il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija
- Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi tal-Emissjonijiet
- Ir-rieżami tad-Direttiva ETS
- Id-Deċiżjoni mhux ETS (qsim tal-isforz)
- Leġislazzjoni ta' implimentazzjoni oħra tal-pakkett għall-2030, bħal, pereżempju, l-inklużjoni tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) fil-Pakkett għall-2030

- Ir-rieżami tar-regolamenti li jistabbilixxu l-miri għall-istandards ta' emissjonijiet għall-karozzi u l-vannijiet għal wara l-2020
- Is-segwitu għal UNFCCC COP-21 u t-tnejn u s-segwitu għal COP-22
- Id-Direttiva ETS dwar l-Avjazzjoni: segwitu għall-Assemblea tal-2016 tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)

4. UNJONI TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

L-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ser jiġi żviluppat fuq il-Linji Gwida Strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2014. L-enfasi matul dan il-perijodu ser tkun fuq l-implimentazzjoni, fi spirtu ta' fiduċja reċiproka, u li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politiki u l-istrumenti rilevanti kollha, inklużi l-aspetti esterni.

Is-suġġetti tal-flussi migratorji irregolari u l-protezzjoni internazzjonali jibqgħu prijorità u jeħtieġu li jkun hemm solidarjetà u responsabbiltà mill-Istati Membri kollha. Il-Presidenzi ser iżommu l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fil-mira tagħhom u jfittxu metodi ġodda kif jindirizzawhom. Ser tiġi ddedikata attenzjoni partikolari lill-pakkett ta' "fruntieri intelliġenti" u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet identifikati fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni ta' Mejju 2015 u fil-konklużjonijiet tal-KE ta' Ġunju u Ottubru 2015, inkluża l-ħidma għall-iżvilupp futur tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, l-isforzi għar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, ir-ritorn u r-riammissjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri, l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni, u t-tmexxija tal-ħidma marbuta mal-migrazzjoni legali. Barra minn hekk, it-tliet Presidenzi ser jaħdmu biex jiżguraw konnessjoni aħjar bejn il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-politika esterna. It-tliet Presidenzi għandhom l-għan li jagħmlu progress fil-ħidma leġislattiva li għaddejja bħalissa dwar il-ġestjoni ġdida tal-fruntieri esterni u l-kodiċi l-ġdid dwar il-Viżi.

Fil-qasam tas-sigurtà, wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna Mġedda tal-UE, hija ta' importanza kbira. It-tliet Presidenzi qed jimmiraw li jkollhom approċċ komprensiv u integrat għaċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberkriminalità, il-korruzzjoni, il-kriminalità serja u organizzata u t-traffikar tal-bnedmin, inkluż l-isfruttament ta' ħaddiema. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu tibqa' prijorità għall-Kunsill.

Dwar il-qasam tal-ġustizzja, l-enfasi ser tkun fuq it-tisħiħ u l-effikaċja tal-istrumenti li jeżistu fil-prattika. It-tliet Presidenzi ser jippromwovu titjib fil-kwalità tal-leġislazzjoni, b'kont meħud tal-bżonnijiet taċ-ċittadini, l-awtoritajiet u l-professjonisti legali. It-tliet Presidenzi ser jiffokaw fuq il-progress fid-drittijiet proċedurali waqt proċedimenti kriminali kif ukoll il-ġlieda kontinwa kontra l-frodi lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluża l-ħidma għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Fir-rigward tal-ġustizzja ċivili, il-ħidma ser tiffoka fuq il-liġi tal-familja. It-tliet Presidenzi ser jagħtu spinta lil soluzzjonijiet ta' ġustizzja elettronika. Il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem ser ikun objettiv ġenerali u t-tliet Presidenzi ser jipprovaw imexxu 'l quddiem l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Il-progress fil-pakkett tal-Protezzjoni tad-Data ser ikun waħda mill-prijoritajiet⁵.

Dan il-qasam ta' prijetà jinkludi dan li ġej:

- L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, inkluż:
 - * ir-Rieżami tad-Direttiva tal-Karta Blu u approċċ ġdid għall-Migrazzjoni Legali
 - * L-evalwazzjoni u l-emendi possibbli għar-Regolament ta' Dublin
 - * ħidma dwar mekkaniżmu ta' rilokazzjoni tal-UE
 - * Aktar sforzi biex itejbu l-opportunitajiet ta' risistemazzjoni
 - * Proposti biex jissaħħaħ ir-rwol tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil
 - * L-effikaċja taż-żona Schengen
 - * Proposta biex tiġi emendata d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil (id-Direttiva 2013/32/UE) biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet għal 'Pajjiż ta' Oriġini Sikur'
 - * Il-ħidma marbuta mal-immigrazzjoni irregolari, inklużi r-ritorn u r-riammissjoni
 - * Il-ħidma li toħroġ mill-Pjan ta' Azzjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni
 - * proposti għal skemi ta' protezzjoni msaħħa qrib l-UE
 - * Il-Pjan ta' Azzjoni mat-Turkija dwar il-Migrazzjoni
- It-tisħiħ tal-Frontex, inkluż fil-kuntest ta' diskussjonijiet dwar l-iżvilupp ta' Sistema ta' Gwardja tal-Kosta u tal-Fruntieri Ewropej

⁵ Progress under LU PRES to be checked.

- Proposti għall-Fruntieri Intelliġenti, inklużi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati
- L-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluża r-regolamentazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali ta' minorenni mhux akkumpanjati
- Kodiċi tal-UE dwar il-Viżi simplifikat u regolamenti dwar viża itineranti
- Il-ftehimiet ta' faċilitazzjoni u ta' liberalizzazzjoni tal-viża
- It-tkabbir taż-żona Schengen
- Ir-Regolament tal-Europol
- Id-direttiva u l-ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri
- Il-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi
- Proposta leġislattiva dwar l-armi tan-nar
- L-evalwazzjoni bejn il-pari dwar iċ-ċiberkriminalità
- L-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà, inkluż
 - * Is-segwitu għall-Istrateġija Mġedda ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea, inklużi l-inizjattivi li jmiss mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-deċiżjoni qafas dwar it-terroriżmu, ir-regoli mtejba dwar l-armi tan-nar, l-estensjoni tal-ECRIS għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-frodi ta' hłasijiet mhux bi flus kontanti
 - * L-istrateġija mġedda tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin
 - * Ir-rieżami ta' ostakli għall-investigazzjonijiet kriminali dwar iċ-ċiberkriminalità, partikolarment dwar kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni kompetenti u r-regoli dwar l-aċċess għal evidenza u għal informazzjoni
 - * Iċ-ċiklu l-ġdid ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja
- L-appoġġ għall-istabbiliment ta' Network Ewropew għad-Drittijiet tal-Vittmi
- Il-Pakkett dwar il-Protezzjoni tad-Data
- Il-Ftehim Ġeneriku dwar il-Protezzjoni tad-Data bejn l-UE u l-Istati Uniti
- Ir-Regolament tal-Eurojust
- Ir-Regolament dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

- Il-pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali għal persuni suspettati u imputati waqt proċedimenti kriminali, inklużi b'mod partikolari l-proposti dwar salvagwardji proċedurali għal tfal u dwar għajnuna legali waqt proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew
- L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
- Il-liġi tal-familja: ir-reġim ta' proprjetà matrimonjali u effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati
- Il-ġustizzja elettronika
- Ir-regolamentazzjoni li tippromwovi l-moviment liberu taċ-ċittadini u n-negozji permezz tas-simplifikazzjoni tal-aċċettazzjoni ta' dokumenti pubbliċi
- Id-djalogu dwar l-Istat tad-Dritt
- Ir-reviżjoni tar-Regolament "Brussels II" dwar il-Ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri
- Ir-rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska

5. L-UNJONI BĦALA ATTUR GLOBALI B'SAĦĦTU

L-ambjent strateġiku tal-UE nbidel minħabba l-globalizzazzjoni u l-instabbiltà dejjem ikbar madwar l-UE, li qed jheddu l-valuri Ewropej u s-sigurtà tagħna. B'aktar konnettività, kompetizzjoni u kumplessità fl-ambjent globali tagħna, l-UE qed tthabbat wiċċha kemm ma' sfidi kif ukoll ma' opportunitajiet. L-UE ser ikollha tindirizza din il-perspettiva inċerta, fejn it-theddid, l-isfidi u l-opportunitajiet jeżistu flimkien u s-sigurtà interna tal-UE qiegħda kull ma' jmur tinbaram ma' dik esterna. B'mod partikolari, fil-viċinat tal-UE, l-instabbiltà inerenti għet magħha riskji oġġli. Lejn il-Lvant, il-ksur tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali dgħajjed l-ordni Ewropew ta' sigurtà u wassal għal tensjoni ġeopolitika. Lejn in-Nofsinhar, il-ġlied u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem huma karatteristiċi ewlenin, u ħolqu sfidi umanitarji, soċjo-ekonomiċi u ta' sigurtà li ser jibqgħu għal żmien twil. Fl-isfond ta' din is-sitwazzjoni xejn stabbli fil-viċinat usa', il-kredibbiltà tal-proċess ta' tkabbir u l-progress effettiv tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent lejn l-UE jibqgħu ta' importanza strateġika.

"Reġjun ta' instabbiltà" li jwassal mill-Ewropa tal-Lvant sas-Sahel, jaffettwa s-sigurtà tal-UE nnifisha u jhedded li jdgħajjef l-valuri u l-interessi komuni tal-UE. L-UE trid tħabbat wiċċha ma' theddid emerġenti bħat-theddid ibridu, il-gruppi terroristiċi b'riżorsi enormi għad-dispożizzjoni tagħhom bħall-ISIL/Daesh u l-attakki ċibernetiċi; kif ukoll ma' theddid perenni bħall-proliferazzjoni, il-piraterija, l-estremiżmu u t-terroriżmu. Aktar mobbiltà tal-bniedem wasslet għal sfidi mill-migrazzjoni irregolari, it-traffikar ta' bniedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni. Id-drittijiet universali tal-bniedem u l-valuri demokratiċi huma taħt attakk minn ideoloġiji u propaganda ostili.

Il-migrazzjoni ċertament ser tibqa' importanti fuq l-aġenda internazzjonali. L-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea tal-migrazzjoni, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April, Ġunju u Ottubru 2015, l-eżitu tal-Laqgħa tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern ta' Settembru 2015, u l-eżitu tas-Summit tal-Belt Valletta fil-11-12 ta' Novembru 2015 kif ukoll il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-rota mill-Mediterran tal-Lvant/il-Balkani tal-Punent fit-8 ta' Ottubru 2015, ser ikunu fil-qalba tal-aġenda tat-Triju f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspetti esterni tal-migrazzjoni. Il-miżuri maqbula dwar il-migrazzjoni ser ikollhom jiġu implimentati u evalwati fl-2016 u l-2017 billi xi wħud minnhom jeħtieġ approċċ ta' żmien medju sa twil, b'mod partikolari dawk immirati biex iwaqqfu l-fluss ta' migrazzjoni irregolari u jindirizzaw l-kawżi fundamentali billi jsaħħu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu b'mod sħiħ.

Rigward il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-konklużjonijiet ambizzjużi tal-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Frar 2015 ser jeħtieġ li jiġu implimentati aktar, b'mod partikolari dwar il-ħidma esterna tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inklużi djalogi politiċi msaħħa dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-proġetti ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet mal-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq.

Ir-rispons tal-UE ser jeħtieġ li jinkludi approċċ li jorbot is-sigurtà mad-diplomazija u li jħares lil hinn mill-UE. Il-politiki u l-istrumenti rilevanti tal-UE ser jeħtieġu jiġu użati b'mod iżjed strateġiku, bil-għan li jkunu mħarsa u promossi l-valuri u l-interessi tal-UE. F'dan ir-rigward, l-istrateġija globali tal-UE li jmiss dwar il-politika barranija u ta' sigurtà ser ikollha sehem kruċjali biex tiddefinixxi l-ambizzjonijiet u l-għanijiet politiċi tagħna, u l-istrumenti biex dawn jitwettqu. Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat ser ikunu fil-qofol biex jiġi stabbilit approċċ ġdid għall-viċinat tagħna. Id-divrenzjar ser ikun fundamentali, billi jiżgura li l-approċċi tal-UE jqisu s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi sħab. L-applikazzjoni effikaċi u koerenti tal-politiki tal-UE marbuta mal-azzjoni esterna hija essenzjali, bil-ħidma ssir fuq approċċ komprensiv li jorbot, fost l-oħrajn, id-diplomazija, il-kummerċ, l-enerġija, l-iżvilupp, il-migrazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà u d-difiża.

Din ser tinkludi l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) waqt li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK ikomplu jagħtu kontribut sinifikanti lill-paċi u l-istabbiltà internazzjonali. Il-kapaċitajiet ċivili u militari tal-UE jeħtieġ li jkunu msaħħa u l-PSDK ikun imfassal aħjar mal-isfidi attwali u futuri, inklużi l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015, l-UE għandha żżid l-kooperazzjoni, inkluża dik internazzjonali, fil-qasam tas-sigurtà u difiża, f'koordinazzjoni mill-qrib ma' partijiet internazzjonali bħan-NU u n-NATO kif ukoll mal-industrija tad-difiża Ewropea. Ir-rwol ta' faċilitatur huwa previst għall-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. Iżjed kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sħab, komplementarjetà akbar u l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni huma kruċjali, b'mod partikolari man-NU, l-OSKE, in-NATO u l-Unjoni Afrikana f'oqsma bħat-theddid ibridu, is-sigurtà marittima, ir-reazzjoni rapida u ċ-ċibersigurtà. Ser ikomplu jkunu mħeġġa l-kontribuzzjonijiet mis-sħab għall-PSDK. Huma previsti wkoll l-implimentazzjoni tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għas-sigurtà u l-iżvilupp b'kamp ta' applikazzjoni ġeografiku flessibbli, kif ukoll l-iżvilupp ta' qafas strateġiku mal-UE kollha għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà, kondiviż mill-PSDK u l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Lil hinn mill-Viċinat, it-tisħiħ ta' sħubiji huwa essenzjali – b'mod partikolari ma' atturi tal-istess fehma, iżda wkoll ma' sħab li l-influenza globali u reġjonali tagħhom qiegħda dejjem tikber, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet multilaterali u fora oħra. Sabiex tipprovdi biżżejjed piż, l-UE trid tkun magħquda biex tiddefendi l-valuri u l-interessi Ewropej, bid-drittijiet tal-bniedem jibqgħu valur fundamentali tal-UE li jiggwida u jmexxi l-azzjonijiet tal-UE, kemm interni kif ukoll esterni.

Il-kontinent Amerikan joffri opportunitajiet li jeħtieġ li jiġu sfruttati bis-sħiħ. Meta jiġi meqjus kollox, l-UE għandha ħafna biex tkun tista' tinvolvi ruħha u tinfluwenza b'mod pożittiv. Relazzjoni strateġika effikaċi u mill-qrib mal-Istati Uniti tippermetti kooperazzjoni mill-qrib dwar ħafna kwistjonijiet tal-politika barranija u ta' sigurtà. L-UE ser tħabrek biex issaħħaħ il-kooperazzjoni reċiproka dwar il-kummerċ, is-sigurtà tal-enerġija, il-PSDK u l-protezzjoni tad-data.

Fl-Asja hemm tensjonijiet fost l-atturi reġjonali li qed jissieltu biex ikollhom influwenza. L-UE għandha interess strateġiku ġenwin fil-promozzjoni tal-istabbiltà fl-Asja u ser tfittex li twassal messaġġ qawwi tal-impenn tagħha għall-Asja u għall-integrazzjoni reġjonali, inkluż fil-11-il summit tal-ASEM li ser isir f'Lulju 2016. L-UE ser tibqa' impenjata mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali riveduta f'Ġunju 2015.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi Afrikani, l-UE ser tkompli taħdem biex timplimenta l-Pjan Direzzjonali UE-Afrika adottat waqt is-summit tal-2014 u biex tipprepara għas-summit li jmiss. L-impenn bla waqfien tal-UE għandu l-għan li jevita u jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi, jikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà u t-trażżin tal-fluss dejjem ikbar tal-migrazzjoni irregolari u jiġġielel it-terroriżmu, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Unjoni Afrikana, organizzazzjonijiet reġjonali u sħab internazzjonali. L-UE ser tkompli timplimenta l-istrateġiji reġjonali u l-pjanijiet ta' azzjoni marbuta magħhom sabiex tagħti kontribut għas-sigurtà u l-iżvilupp fir-reġjuni tas-Sahel, il-Golf tal-Guinea u r-reġjuni tal-Qarn tal-Afrika.

Il-mod kif ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-2020 (wara Cotonou) jistgħu jiġu adattati għal dawn ir-realtàjiet u l-isfidi l-ġodda ser jagħmel parti minn dawn ir-riflessjonijiet politiċi.

L-isfidi globali ser jibqgħu jidhru b'mod prominenti fuq l-aġenda internazzjonali fl-2016 u l-2017. Huwa l-għan tal-UE li jintlaħaq ftehim ambizzjuż u vinkolanti għall-ħarsien tal-klima fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 21) f'Pariġi, li għandu jiġi implimentat kemm mill-UE kif ukoll minn daww magħha. It-tnejn tat-tieni pjan ta' azzjoni għal diplomazija dwar il-klima ser ikollu jiġi studjat fid-dawl tal-implikazzjonijiet internazzjonali tal-ftehim ta' Pariġi. Dwar il-promozzjoni tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE, importanti li tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-elementi esterni tal-komunikazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija adottata mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2015, b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-isforzi tal-UE għad-diversifikazzjoni bl-istrumenti tal-Politika Barranija.

Il-politika tal-iżvilupp u l-kooperazzjoni jibqgħu elementi ċentrali tal-azzjoni esterna tal-UE. L-UE ser tkompli bil-ħidma tagħha biex l-għajnuna li tagħti għall-iżvilupp tkun aktar effikaċi u mmirata. Biex twettaq dan, l-UE ser issaħħaħ ukoll l-isforzi tagħha biex torbot il-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u tal-Istati Membri permezz ta' Programmi Konġunti. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu wkoll bl-isforzi tagħhom biex l-għodod u l-istrumenti tar-relazzjonijiet esterni tagħhom ikunu marbuta flimkien skont il-prinċipji tal-approċċ komprensiv tal-UE.

L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli miftiehma fi New York ser ttiprovdi qafas globali ġdid għall-isforzi għal żvilupp sostenibbli. Għaldaqstant, il-Programm tat-Triju ser ikollu fil-qofol tiegħu l-implimentazzjoni ta' din l-aġenda, li tinkludi l-implimentazzjoni interna mill-UE fil-fora xierqa.

Il-politiki tal-UE ser jeħtieġu li jiġu meqjusa f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli l-ġodda, permezz ta' approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati. Daqshekk ieħor ser jibqa' importanti t-trawwim għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp għall-implimentazzjoni tal-ambizzjonijiet tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. F'dan il-kuntest, ir-rieżamijiet tal-istrumenti għall-iżvilupp kif ukoll id-diskussjonijiet dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-AKP wara l-2020 (wara Cotonou) huma importanti wkoll.

F'kuntest ta' kriżijiet multipli u mtawla, u b'għadd bla preċedent ta' persuni spostati, l-UE ser tkompli tagħti l-kontribut tagħha biex twassal l-għajnuna umanitarja b'mod effiċjenti lil daww milquta mill-ġlied, instabbiltà u diżastri naturali. L-ewwel Summit Umanitarju Dinji f'Mejju 2016 ser joħloq l-impetu għal approċċi innovattivi u biex ir-responsabbiltà kollettiva tal-komunità internazzjonali titqawwa mill-ġdid f'dan ir-rigward.

In-Netherlands, is-Slovakkja u Malta ser jaħdmu flimkien fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal impenn kondiviż li ser jiffoka fuq il-pajjiżi b'perspettiva ta' sħubija, il-Viċinat u r-reġjuni ġirien tiegħu, kif ukoll is-sħab strateġiċi tal-UE, b'appoġġ tal-azzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni.